MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2007

Numru. 99/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MALCOLM SPITERI**

**VS**

**ADEL AHMED ALBARGHI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Adel Ahmed Albarghi, ta’ 35 sena, bin il-mejjet Ahmed u Zohra, imwieled Sirp, Tripoli, nhar il-11 ta’ Settembru, 1969, residenti l-Gzira, detentur tal-passaport li jgib in-numru 574091;

Akkuzat talli nhar it-28 ta’ Jannar, 2007 fil-gzira, ikkommetta serq ta’ ghodda ghad-dannu ta’ Emmanuel Attard, mill-Gzira, liema valur jecedi l-mitt lira maltin (Lm100.00), izda inqas minn elf lira maltin (Lm1,000.00), u liema serq huwa aggravat bil-valur, u bil-lok.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivin din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Adel Ahmed Albarghi hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' priguerija ghal zmien sitt (6) xhur, sospizi ghal sena (1), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------